A.L. 53 ta' 2001

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 5 ta' l-1999.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 3 (2) tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tat-30 ta' Ġunju, 1999" għandhom jidħlu l-kliem "tat-30 ta' Lulju, 1999, jew dawk id-dati oħra li jiġu iżjed tard ħekk kif il-Kummissarju jista', għal raġunijiet validi, jaċċetta," u minflok il-kliem "tat-30 ta' Marzu, 1999." għandhom jidħlu l-kliem "tat-30 ta' Lulju, 1999, jew dawk id- dati oħra li jiġu iżjed tard ħekk kif il-Kummissarju jista', għal raġunijiet validi, jaċċetta:

Iżda d-dispożizzjonijiet tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali ma għandux japplika meta applikazzjoni magħmula għall-għanijiet ta' dawk ir-regolamenti tkun waslet fl-uffiċċju tal-Kummissarju, fil-każ ta' persuna reġistrata li għamlet l-għażla li għaliha jirreferu r-regolament 4, 5, 6, 7 jew 8 ta' dawk ir-regolamenti, wara nofsinhar tat-30 ta' Ġunju, 1999, u fil-każ ta' persuna registrata li għamlet l-għażla li għaliha jirreferi r-regolament 9 ta' dawk ir-regolamenti, wara nofsinhar tat-30 ta' Marzu 1999.".